# FIL-QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA

**Illum l-Erbgha 8 ta' Novembru 2023**

**<u>Rikors nru: 555/2023 AGV ;</u>**

**JJ**

**U**

**MT**

**Vs**

**X**

Il-Qorti;

Rat ir-Rikors kongunt ta' JJ u MT ,

Jesponu bir-rispett:

1. Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fil-5 ta' Marzu 2020 fir-Registru Pubbliku il-Belt Valletta;

2. Illi nfethet medjazzjoni mill-partijiet bin-numru 4024/23, liema medjazzjoni nghalqet permezz ta' Digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti datat 26 ta' Settembru 2023 u ghalhekk qed titressaq din il-kawza;

3. Illi l-partijiet m'ghandhomx tfal bejnietom;

4. Illi l-partijiet ilhom il-fuq minn sena separati *de facto*;

5. Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi oltre l-fatt li ilhom aktar minn sena jghixu separatament, huma ghandhom hajja totalment separata u independenti minn xulxien;

6. Illi il-partijiet ghandhom il-propjeta, l-mobiljari u l-affarijiet taghhom diga fil-pussess taghhom;

7. Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, filwaqt illi ma ghandhom l-ebda propjeta jew assi komuni bejniethom;

8. Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju;

9. Illi l-partijiet jixtieq u jridu jittjenew il-hall taz-zwieg minn ma' xulxien,

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniethom;
2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;
3. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kontendenti ddekadew minn kwalsiasi jedd jew obbligu ereditarju jew patrimonjali versu xulxin;
4. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

U dan previa kull provvediment jew dikkjarazzjoni ohra li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet **iccelebrat nhar il- 5 ta' Marzu 2020**

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

Tiddeciedi u tiddikjara illi l-kontendenti ddekadew minn kwalsiasi jedd jew obbligu ereditarju jew patrimonjali versu xulxin;

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**